- *Artikolu 495A Kap.16* -

- *Talba għall-Bejgħ Sfurzat ta' sehem indiviż ta' proprjetà miżmum in komun* -

- *Maġġoranza* -

- *Bejgħ Sfurzat lill-komproprjetarju* -

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## ILLUM IS-27 TA' FRAR, 2020

**Kawża Numru: 7**

**Rik. Nru. 270/2019 RGM**

**Anna Colclough (K.I. 537554 (M)),**
**Raymond Borg (K.I. 670655 (M)),**
**Spirdione sive Spiro Borg (K.I. 429353 (M)),**
**Maria Dolores sive Doris Saliba (K.I. 32259 (M)),**
**Paul Borg (K.I. 526962 (M)), Carmen sive**
**Marika Borg (K.I. 195367 (M)), Eugenio Borg**
**(K.I. 758660 (M))**

**vs.**

**Anunziata Galea (K.I. 199850 (M)),**
**Georgina Caruana (K.I. 269451 (M)) u**
**Nazzarena Grima (K.I. 167552 (M))**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ta' Anna Colclough, Raymond Borg, Spirdione sive Spiro Borg, Maria Dolores sive Doris Saliba, Paul Borg, Carmen sive Marika Borg, Eugenio Borg** ppreżentat fit-13 ta' Marzu, 2019 li permezz tiegħu ippremettew u talbu is-segwenti:

1. Il-partijiet bejniethom għandhom miżmum in komun: **(i)** l-10/22 tal-fond residenzjali, bl-arja libera tiegħu, bl-isem ta' "Sunshine Nursery", Triq Għerien il-Ħida, fil-limiti tal-Mellieħa, f'San Pawl il-Baħar, bla numru uffiċċjali aċċessibbli minn taraġ li jagħti fuq *drive-in,* bl-i*store* u l-garaxx bla numru u isem li jinsabu sottostanti parti mill-fond residenzjali, inkluż ukoll il-plot ta' *circa* sebgħa u sittin metru kwadru (67mk), bl-arja tagħha adjaċenti l-istess fond, inkluż ukoll il-*private drive* in arja tagħha tal-kejl ta' ċirka disa' u disgħin metru kwadru (99mk), li tagħti aċċess għall-proprjetà, kollox konfinanti mit-tramuntana ma' Sqaq Għerien il-Ħida, nofsinhar ma' restorant bl-isem ta' "Is-Sienja" proprjetà tal-istess aħwa Borg, mil-punent ma' Triq Għerieq il-Ħida u mil-lvant ma' Mushroom Store u serra fuqu, kif murija fuq żewġ pjanti, bil-kulur aħmar, u immarkati bħala dokumenti 'B' u 'Ċ', mat-testment tal-mejta Giuseppa Borg fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tat-2 ta' Lulju 2011; u **(ii)** l-10/22 tal-kappella dekorata bil-gagazza, sottostanti l-fond residenzjali bl-isem ta' "Sunshine Nursery", Għerien il-Ħida, fil-limiti tal-Mellieħa, f'San Pawl il-Baħar, bla numru uffiċċjali, aċċessibbli minn entratura bla numru u isem fi Triq Għerien il-Ħida, mit-tramuntana ma' Sqaq Għerien il-Ħida, u min-nofsinhar ma' *driveway,* kif immarkat bl-aħmar fuq dokument 'Ċ' fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tal-4 ta' Awwissu 2011, minn issa 'il quddiem flimkien imsejħa "**il-Proprjetà**". Il-bqija tal-ishma tal-fond huma appartjenenti lil Emanuel Borg. Il-bqija tal-ishma tal-fond (12/22) ma humiex mertu tal-kawża, u s-suġġett tal-kawża huwa r-rimanenti 10/22, li huma proprjetà tal-partijiet f'din il-kawża bejniethom.

2. Mill-**Proprjetà** (li tiġi l-10/22 tal-fond meta meqjus bħala l-bini sħiħ), il-partijiet għandhom (1/10 kull wieħed) hekk:

- Ir-rikorrenti bejniethom: 7/10 tal-Proprjetà (illi jiġu 7/22 tal-fond)
- L-intimati bejniethom 3/10 tal-Proprjetà (illi jiġu 3/22 tal-fond).

3. Jiġifieri għall-finijiet tal-**Proprjetà** mertu tal-kawża (it-10/22 tal-fond), ir-rikorrenti bejniethom għandhom aktar min-nofs (7/10) mitlub mill-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Din il-proprjetá ilha tinżamm in komproprjetà bejn il-partijiet mill-anqas sa mill-31 ta' Jannar 2015, data tal-mewt tal-omm.

5. Ir-rikorrenti ma jridux jibqgħu aktar komproprjetarji in komun mal-intimati dwar il-**Proprjetà** deskritta hawn fuq. Minħabba li ilhom f'dan l-istat ta' komproprjetà għal aktar minn tliet (3) snin, qiegħdin iressqu talba taħt l-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, prettament dwar il-proprjetà illi għandhom bejniethom (l-10/22), li finalment hija "**proprjetà" u "ħaġa miżmuma in komun" għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi**.

6. Ir-rikorrenti jiddikjaraw illi sabu l-bejgħ ta' din il-proprjetà; fil-fatt b'konvenju datat 21 ta' Frar 2019 ("A") flimkien obbligaw li jbiegħu, jittrasferixxu u jassenjaw din il-proprjetà għall-prezz ta' **tliet mija u ħamsin elf euro (€350,000)**, prezz li fil-fehma tal-esponenti huwa ġust u reali, ikkunsidrati iċ-ċirkostanzi tal-Proprjetà, u ikkunsidrat li din il-proprjetà hija finalment miżmuma indiviżament. B'hekk ukoll, **il-Fond jiġi konsolidat** għaliex l-akkwirent prospettiv huwa wkoll proprjetarju tal-biċċa l-oħra tal-Fond, u tispiċċa l-indivisibilità tal-Fond u l-partijiet ikunu jistgħu jieħdu flushom. Il-konvenju huwa naturalment soġġett għall-ksib tal-permess ta' din l-Onorabbli Qorti. Konsegwentement huma jixtiequ li din l-Onorabbli Qorti tordna l-esekuzzjoni tal-istess

konvenju bil-bejgħ tal-**Proprjetà**, fuq deskritta, hekk kif maħsub fl-artikolu 495A.

7. Ir-rikorrenti qiegħdin jannettu prospett li juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom għandu ("B").

8. Dan il-bejgħ ma huwiex ta' preġudizzju għall-intimati stante li l-prezz tal-bejgħ huwa dak ġust u reali skont is-suq.

9. Għalhekk jeżistu l-elementi kollha mitluba mill-artikolu 495A biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tawtorizza l-bejgħ.

**Tgħid għalhekk l-intimata 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:**

1. Tordna l-bejgħ tal-Proprjetà *ossia* **(i)** l-10/22 (jew kwalsijasi frazzjoni oħra li tirriżulta) tal-fond residenzjali, bl-arja libera tiegħu, bl-isem ta' "Sunshine Nursery", Triq Għerien il-Ħida, fil-limiti tal-Mellieħa, f'San Pawl il-Baħar, bla numru uffiċċjali aċċessibbli minn taraġ li jagħti fuq *drive-in,* bl-i*store* u l-garaxx bla numru u isem li jinsabu sottostanti parti mill-fond residenzjali, inkluż ukoll il-plot ta' *circa* sebgħa u sittin metru kwadru (67mk), bl-arja tagħha aċjċenti l-istess fond, inkluż ukoll il-*private drive* in arja tagħha tal-kejl ta' ċirka disa' u disgħin metru kwadru (99mk), li tagħti aċċess għall-proprjetà, kollox konfinanti mit-tramuntana ma' Sqaq Għerien il-Ħida, nofsinhar ma' restorant bl-isem ta' "Is-Sienja" proprjetà tal-istess aħwa Borg, mil-punent ma' Triq Għerieq il-Ħida u mil-lvant ma' Mushroom Store u serra fuqu, kif murija fuq żewġ pjanti, bil-kulur aħmar, u immarkati bħala dokumenti 'B' u 'Ċ', mat-testment tal-mejta Giuseppa Borg fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tat-2 ta' Lulju 2011; u **(ii)** l-10/22 (jew kwalsijasi frazzjoni oħra li tirriżulta) tal-kappella dekorata bil-gagazza, sottostanti l-fond

residenzjali bl-isem ta' "Sunshine Nursery", Għerien il-Ħida, fil-limiti tal-Mellieħa, f'San Pawl il-Baħar, bla numru uffiċċjali, aċċessibbli minn entratura bla numru u isem fi Triq Għerien il-Ħida, mit-tramuntana ma' Sqaq Għerien il-Ħida, u min-nofsinhar ma' *driveway,* kif immarkat bl-aħmar fuq dokument 'Ċ' fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tal-4 ta' Awwissu 2011, taħt il-kundizzjonijiet misjuba fil-konvenju tal-21 ta' Frar 2019 u taħt il-kundizzjonijiet u l-pattijiet hemmhekk mifthema u/jew taħt dawk il-kundizzjonijiet li jogħġobha timponi din l-Onorabbli Qorti.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jippubblika kopja tar-rikors fil-Gazzetta tal-Gvern u f'Gazzetta Lokali ta' kuljum.

3. Tinnomina lin-Nutar Dottor John Debono, jew Nutar ieħor, sabiex jippubblika l-att tat-trasferiment opportun u kwalunkwe att ieħor neċessarju jew aċċessorju għall-istess.

4. Tistabbilixxi jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-att notarili opportun.

5. Taħtar Kuratur/i sabiex jidher/jidhru flok l-eventwali kontumaċi.

6. Tagħti dawk l-ordnijiet meqjusa neċessarji u opportuni skont iċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax (fejn applikabbli) kontra l-intimati, li huma inġunti minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-**Risposta guramentata ta' Annunziata Galea, Georgina Caruana u Nazzarena Grima** ppreżentata fit-2 ta' Mejju, 2019 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti it-talba kif dedotta ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti stante li r-rikorrenti qed jittentaw ibieghu **parti indiviza** minn propjeta komuni [ossia is-sehem ta 10/22 indiviz] u mhux il-propjeta kollha. Illi l-art 495A tal-Kap 16 ma hux intiz li tinbiegh parti indiviza minn propjeta, izda l-propjeta kollha;

2. Illi in aggunta mal-eccezzjoni precedenti, it-talba kif dedotta ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti stante li r-rikorrenti ma ghandhomx il-maggoranza tal-ishma tal-propjeta komuni kollha. *Ex admissis* huma jiddikjaraw li ghandhom sehem ta' 7/22 tal-propjeta kollha u ghalhekk ma jilhqux il-kwota ta' '*l-akbar ghadd ta komproprjetarji'* kif rikjest mill-art.495A (1) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti it-talba kif dedotta ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti stante li mhux il-**komproprjetarji kollha** huma partecipi f'din il-kawza, tant li r-rikorrenti qed jiddikjaraw li b'din il-kawza huma qed jittentaw ibieghu is-sehem indiviz ta' 10/22 biss u mhux il-propjeta kollha;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti it-talba kif dedotta ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti stante li l-art.495A ma hux ir-rimedju sabiex komproprjetarju maggjoritarju jakkwista l-ishma 'l ohra minghand il-komproprjetarji 'l ohra *[ara fost decizjonijiet ohra Qorti tal-Appell App Civili 51/2007 Busy Bee Estates Ltd vs Anthony sive Tony Formosa et]*;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti it-talba kif dedotta ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti stante li l-kawza kif dedotta ma tirrispettax id-dettami tal-artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti it-talba kif dedotta ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti stante li l-kawza kif dedotta ma hi xejn ghajr tenttattiv mir-rikorrenti sabiex jittentaw ibieghu parti indiviza minn propjeta lil komproprjetarju iehor, ossia hu l-kontendenti, li ghandu is-sehem maggoritarju, u li ghalhekk din l-azzjoni ma hiex in linja mal-ispirtu tal-art 495A tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta *[ara fost decizjonijiet ohra Qorti tal-Appell App Civili 51/2007 Busy Bee Estates Ltd vs Anthony sive Tony Formosa et]*;

7. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti it-talba kif dedotta ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti stante, li l-intimati assolutament ma jaqblux mas-sitt premessa u cioe' li prezz ta' tliet mija u ħamsin elf euro (€350,000) huwa *"gust u reali"* u għall-kuntrarju l-intimati jikkontendu li dan il-prezz huwa wieħed fażull u ridikolu u żgur li ma jirriflettix il-prezz tas-suq tal-proprjeta' *de quo,* u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh u trattazzjoni tal-kawza, u jekk ikun mehtieg wara li l-propjeta tigi stmata u valutata minn esperti minnha inkarigati ai termini tal-art. 495A (6). Illi ghalhekk it-talba attrici tohloq pregudizzju serju lill-intimati.*;*

8. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti it-talba kif dedotta ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti stante l-intimati komproprjetarji ma jaqblux mat-tmien premessa, u kif ukoll mat-talbiet rikorrenti u f'dan ir-rigward l-intimati jopponu għall-bejgħ *de quo* peress li bħala komproprjetarji ser ikunu serjament, gravement u rrimedjabbilment ippreġudikati b'dak li qed jintalab mir-rikorrenti u dana ai termini tal-Artikolu 495A (5) tal-Kodiċi Ċivili. L-intimati ma kellhomx l-opportunità la biex jagħtu raġuni favur u wisq aktar biex jagħtu raġuni kontra l-bejgħ imwiegħed u ġew imċaħħda mill-opportunità li jinnegozjaw pattijiet u kundizzjonijiet (b'mod partikolari l-prezz) xierqa u ġust għal kulħadd, u għalhekk tirriżulta l-mala fede tar-rikorrenti fejn żvantaġġjaw lill-intimati meta obbligaw ruħhom li jimponu l-pattijiet u kundizzjonijiet tal-konvenju fuq l-esponenti. Illi inoltre kif diga intqal il-prezz ma hux gust u rejali u ghalhekk huwa ta pregudizzju gravi ghall-intimati. Illi inoltre in

vista tal-fatt li l-intimati u l-komproprjetarji l-ohra huma proprjetarji ta propjeta adjacenti, kif ser jigi spjegat waqt is-smigh tal-kawza, ma jaghmilx sens li tinbiegh il-propjeta odjerna qabel ma jigi konkkluz il-kuntratt tal-propjeta adjacenti;

9. Illi ghall-finijiet ta' kjarezza l-intimati jgibu formalment ghall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti il-proceduri gudizzjarji li jezistu prezentement bejn l-intimati u wahda mir-rikorrenti ossia Carmen sive Marika Borg u kif ukoll mal-komproprjetarju l-iehor li mhux parti fil-kawza odjerna, ossia Emanuel Borg, dwar il-fatt li Emanuel Borg u Carmen sive Marika Borg qed icahhdu lill-intimati milli jkollhom access ghall-propjeta komuni – '*Galea Annunziata et vs Borg Carmen sive Marika et [PA 870/2018] - differita ghas-sentenza 4 ta' Gunju 2019'.*

10. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti, id-deskrizzjoni tal-propjeta kif indikata fl-ewwel premessa u kif ukoll fl-ewwel talba ghandha tigi skrutinizzata u mqabbla mal-konvenju maghmul ma' terzi ghall-bejgh ta' propjeta ohra immobbli favur terzi, liema propjeta hija adjacenti u tifforma parti mill-istess artijiet, u dan sabiex jigi accertat li dak li qed jintalab f'dan ir-rikors ma jinkludiex parti mill-propjeta li l-partijiet intrabtu li jbieghu lil terzi b'konvenji separati;

11. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti, is-sehmijiet indikati fil-konfront tal-kappella ma humiex korretti.

12. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti, din il-Qorti lanqas tista tordna l-bejgh in licitazzjoni ai termini tal-artikolu 495A (9) stante li b'din l-azzjoni ir-rikorrenti qed jittentaw ibieghu biss sehem indiviz ta' propjeta komuni u mhux propjeta kollha.

13. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-azzjoni odjerna mhux attribwibbli għal xi nuqqas tal-intimati li għaldaqstant m'għandhomx jiġu soġġetti għall-ispejjeż tal-istanti.

14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

GĦALDAQSTANT u in vista tas-suepost l-esponenti umilment u bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti limitatament dwar l-ewwel sitt eċċezzjonijiet minnhom sollevati ppreżentata fil-31 ta' Lulju 2019, kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta ppreżentata fis-17 ta' Settembru 2019;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2019;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għal sentenza dwar l-ewwel sitt eċċezzjonijiet eċċepieti mill-konvenuti.

Ikkunsidrat

Ir-rikorrenti resqu din l-azzjoni imsejsa fuq l-Artikolu 495A tal-Kapitolu 16 sabiex jitolbu lill-Qorti tordna l-bejgħ ta' għaxar ishma minn tnejn u għoxrin (10/22) tal-fond residenzjali ġewwa San Pawl il-Baħar kif ukoll il-bejgħ tal-istess ishma ta' kappella ġewwa l-istess lokalità. Mir-rikors promotur jirriżulta, u lanqas mhu ikkontestat, li r-rimanenti tnax-il sehem minn tnejn u għoxrin, li jagħmlu l-maġġor parti tal-ishma) jinsabu f'idejn ħu l-kontendenti Emanuel Borg li mhux parti f'din l-azzjoni. Mill-konvenju anness mar-rikors promotur jirriżulta li r-rikorrenti daħlu f'konvenju ma' dan Emanuel Borg sabiex dan tal-aħħar jixtri s-sehem mhux maqsum tal-

għaxar ishma minn tnejn u għoxrin u b'dan għalhekk Emanuel Borg ikun kiseb l-ishma kollha tal-proprjetà.

Għal din l-azzjoni l-konvenuti resqu diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li jeħtieġ li jiġu deċiżi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tikkunsidra o meno il-kawża fil-mertu. L-ewwel sitt eċċezzjonijiet li ser jiġu meqjusa f'din is-sentenza huma brevament is-segwenti:

a. Bejgħ ta parti indiviża ta' 10/22 u mhux il-proprjetà kollha;
b. Ir-rikorrenti m'għandhomx il-maġġoranza tal-ishma;
c. Mhux il-komproprjetarji kollha huma parteċipi fil-kawża;
d. Artikolu 495A mhux ir-rimedju sabiex il-komproprjetarju li għandu l-maġġoranza jakkwista l-ishma l-oħra;
e. L-azzjoni ma tirrispettax id-dettami tal-Artikolu 495A; u
f. L-azzjoni hija tentattiv sabiex ibiegħu parti indiviża lil ħu l-kontendenti.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti jirribattu li bejniethom (ad esklużjoni ta' ħuhom Emanuel Borg) iżommu sebgħa ishma minn għaxra tal-ishma tal-partijiet fil-kawża; filwaqt li l-konvenuti jżommu tlett ishma minn għaxra. Ir-rikorrenti għalhekk qegħdin jitolbu lill-Qorti tqis is-sehem indiviż tal-partijiet fil-kawża biss u ma tqisx is-sehem indiviż ta' ħuhom Emanuel Borg, fejn allura l-Qorti għandha tifhem li l-kollezzjoni ta' ishma minn immobbli għandha tiġi meqjusa bħala proprjetà kollha. Ġie spjegat ukoll mir-rikorrenti li Emanuel Borg m'huwiex involut f'din l-azzjoni stante li huwa l-persuna li ser tkun qiegħda takkwista l-ishma li qiegħed jintalab il-bejgħ tagħhom. Jissottomettu li dan sar għaliex il-Qrati dejjem interpretaw l-Artikolu 495A fis-sens li t-talba tal-bejgħ taħt dan l-artikolu ma tistax issir minn min ħa jakkwista dak is-sehem.

Ikkunsidrat

**L-Ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 jipprovdi** ssegwenti:

"(1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta'indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' xi proprjetà partikolari bejniethom, il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu."

L-istess Artikolu jkompli jiddelinja r-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti proprju fit-tieni u r-raba' sub-artikoli:

"(2) It-talba lill-qorti għandha ssir permezz ta' rikors li miegħu jkun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ kif ukoll prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.

[...]

(4) Dikjarazzjoni li xi komproprjetarju minnhom ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab għandha tiġi konfermata bil-ġurament minn wieħed mir-rikorrenti."

B'mod ġenerali, l-għan ta' dan l-artikolu kien intiż biex jiffaċilità t-trasferiment ta' proprjetà fl-intier tagħha meta jkun hemm proprjetarji ta' minoranza ta' ishma li għal raġuni jew oħra ma jridux jew ma jistgħux jersqu għat-trasferiment tal-intier tal-proprjetà in komun. Fis-sentenza **Aloysius Farrugia et vs. Dr Josette Sultana et noe** (Rik. Ġur. Nru. 756/2016 MH) deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-31 ta' Mejju 2017 ġie ritenut li:

L-iskop ta' dan l-artikolu tal-ligi kien intiz biex jiffacilita t-trasferiment ta' proprjeta' fl-intier taghha, meta jkun hemm proprjetarji ta' minoranza ta' ishma li ghal raguni jew ohra ma jridux jew ma jistghux jersqu ghat-trasferiment fl-intier tal-proprjeta' in komun.[1]

Għalkemm din il-liġi tista' tiġi interpretata bħala bejgħ sfurzat għar-rigward tal-minoranza dissendenti, huwa d-dover tal-Qorti li tara u tassugura li ma jsirx abbuż, sfruttament u li l-minoranza ma tbagħti ebda preġudizzju għalhekk kif ingħad fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar 2017 mill-Prim'Awla diversament preseduta fl-ismijiet **Josephine Grech pro et noe vs. George Joseph Parnis** (Rik. Ġur. Nru 168/16 LM)[2]:

"l-artikolu 495A tal-Kap 16 huwa eżemplari eċċelenti ta' dan il-kompromess. Propjetà li titħalla mhux maqsuma għal iktar minn għaxar snin [Jew ghal tlett snin fil-każ ta' wirt li jigi fis-sehh wara l-1 ta' April, 2016], li huwa diġa perjodu twil ħafna, tista' tinbiegħ mill-komproprjetarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma b'kundizzjoni waħda suprema: li l-komproprjetarji dissidenti ma jkunux gravement ppreġudikati. Għalhekk mhux bizzejjed li jigu ppreġudikati, imma jinħtieg li jkunu gravament ippreġudikati. Hawn il-leġislatur qed jagħmilha ċara li anke jekk il-kundizzjonijiet tal-bejgħ ma jkunux ottimali, jew l-aħjar li jistgħu jingiebu fis-suq, xorta waħda l-bejgħ irid isir; il-linja trid tinqata' u tinqata' malajr. Altrimenti jiġi mminat l-iskop kollu tal-precitat artikolu 495A tal-Kap 12."

Hekk magħduda l-prinċipji ewlenin li jemanu mill-ġurisprudenza, jeħtieġ li l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti jiġu mistħarrġa fid-dawl tal-liġi kif ukoll tal-ġurisprudenza.

### a. Bejgħ ta parti indiviża ta' 10/22 u mhux il-proprjetà kollha

[1] Ara wkoll **David Abela noe vs. Dr. Simon Micallef Stafrace noe** (Ċit Nru 1177/2010MC) deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-30 ta' Ġunju 2011.
[2] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 t'Ottubru 2017. Ara wkoll **Shirley Cardona et vs. Victor Bonanno (**Rik Nru 600/15LM) deċiża mill-Prim'Awla fl-4 t'April 2016.

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu l-bejgħ ta' parti indiviża minn proprjetà magħmula minn tnejn u għoxrin sehem u ċioe qiegħed jintalab il-bejgħ ta' għaxar ishma biss.

Il-punt tat-tluq sabiex jiġi determinat jekk jistax isir bejgħ ta' parti indiviża hija l-liġi u l-interpetazzjoni li għandha tingħata. L-Artikolu 495A (1) jirreferi għal "xi ħaġa [li] tkun inżammet in komun". Fil-kawża fl-ismijiet **Busy Bee Estates Limited vs. Anthony Formosa et**[3] din il-Qorti diversament preseduta spjegat li

"Il-qorti tosserva illi din hija proċedura straordinarja li, effettivament, hija forma ta' esproprjazzjoni. Għaldaqstant **id-dispożizzjonijiet relativi għandhom jingħataw interpretazzjoni stretta** kompatibbli mal-ħsieb tal-liġi u mal-ħtieġa li jitħarsu wkoll l-interessi ta' dawk mill-komproprjetarji li ma jridux ibigħu."[4]

B'dan l-insenjament fi ħsieb il-Qorti, hija sejra tinterpreta l-liġi b'mod strett u b'kawzjoni.

L-Artikolu 495A jirreferi għal "xi ħaġa". Kif spjegaw tajjeb ir-rikorrenti din il-ħaġa tista' tkun kemm mobbli kif ukoll immobbli. Però din m'hijiex il-kwistjoni f'din il-kawża; il-kwistjoni hija l-bejgħ bis-saħħa tal-Artikolu 495A ta' parti indiviża minn proprjetà immobbli. Din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti li meta l-liġi qed issemmi proprjetà qiegħda tirreferi għal kwalunkwe kollezzjoni ta' ishma minn immobbli. Li kieku l-leġislatur ried jinkludi l-bejgħ ta' parti mill-ishma din kienet tiġi inkluża fil-liġi aktar u aktar meta bħala natura tagħha l-azzjoni għandha forma ta' esproprju stante li s-sid qiegħed jiġi żvestit minn sehmu minn proprjetà sabiex tgħaddi lil terz. Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta` Ġunju 2011 fil-kawża **David Abela noe vs. Dr. Simon Micallef Stafrace noe** ingħad li

[3] Ċit Nru 651/2007MC deċiża mill-Prim'Awla fl-20 ta' Novembru 2008.
[4] Enfasi miżjud.

"L-iskop ta` dan l-artikolu tal-ligi kien intiz biex jiffacilita ttrasferiment ta` proprjeta intera meta jkun hemm proprjetarji ta` minoranza ta` ishma li ghal raguni jew ohra ma jridux jew ma jistghux jersqu ghat-trasferiment tal-intier tal-proprjeta in komun. Hi fil-fatt forma ta` trasferiment forzat li ghalih il-ligi tpoggi parametru ben car sabiex ma jsirx abbuz, sfruttament jew fi kliem il-ligi `pregudizzju serju` ghal drittijiet tal-minoranza."[5]

Tal-istess fehma kienet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Helen Zammit et vs. Madeleine Muscat et**[6] fejn ġie meqjus li

"proċedura mnedija taħt l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili timplika minnha nnifisha **t-trasferiment ta' beni sħiħ u mhux ta' ishma mxerrda**. Huwa minħabba f'hekk ukoll li din il-proċedura speċjali titlob li jkun hemm fil-kawża s-sidien kollha tal-ġid partikolari mertu tagħha, u dan sabiex l-ordni li jingħata mill-Qorti li tapprova t-trasferiment ta' dak il-ġid ikun wieħed li jorbothom ilkoll u li joħloq bejniethom iċ-ċertezza tal-kundizzjonijiet espliċiti li bis-saħħa tagħhom iseħħ tali trasferiment;"[7]

Fil-kawża **Gordon Grima Baldacchino et vs. Angela magħrufa Gillian Gauci Borda et** (Ċit Nru 1260/2010MC) deċiża fit-30 ta' Ġunju 2011 il-Qorti Ċivili Prim' Awla għal talba ta' bejgħ ta' parti mill-ishma kienet ikkonkludiet li

"Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuti cioe illi t-talba ghal bejgh kif impostata cioe' ta' kwota indiviza biss u mhux il-bejgh tal-proprjeta kollha naxxenti minn talba bejn il-komproprjetarji kollha ghandha tigi milqugha.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi l-azzjoni kif impostata ghal bejgh biss ta' kwota indiviza minn proprjetarju li ghandu

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[6] Rik Nru 327/2016 deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-5 t'Ottubru 2018.
[7] Enfasi miżjud.

biss il-minoranza ta' ishma fl-istess proprjeta hi insostenibbli u qed tigi rigettata."

Ikkonsidrat;

Mill-qari tar-rikors promotur, huwa ferm ċar li dak li qiegħed jintalab li jinbiegħ huwa biss parti indiviża mill-proprjeta: "Tordna l-bejgħ tal-Proprjeta' *ossia* (i) l-10/22 (jew kwalsiasi frazzjoni oħra li tirriżulta tal-fond residenzjali [...]; u (ii) l-10/22 tal-kappella dekorati bil-gagazza [...]". In vista tal-konsiderazzjonijiet surreferiti, din il-Qorti qed tiddeċiedi illi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimata hija fondata.

Għalkemm din il-Qorti tista' tieqaf hawn u ma tgħaddix biex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet oħra, din il-Qorti tħoss li jkun għaqli li r-rimanenti eċċezzjonijiet preliminari jiġu kkunsidrati.

**b. Ir-rikorrenti m'għandhomx il-maġġoranza tal-ishma**

Mill-premessi tar-rikors promotur jiġi nnotat li l-proprjetajiet li r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-bejgħ tagħhom huma maqsuma fi tnejn u għoxrin sehem – għaxra f'idejn il-kontendenti u tnax f'idejn ħu l-kontendenti u ċioe Emanuel Borg. Ir-rikorrenti jispjegaw li dak li għandu jittieħed in konsiderazzjoni huma l-ishma li l-kontendenti għandhom bejniethom u mhux l-ishma kollha. Huwa għalhekk li jgħidu li l-kontendenti bejniethom għandhom għaxar ishma u ġaladarba r-rikorrent għandhom seba' ishma minn dawk l-għaxra, allura dan ifisser li huma għandhom il-maġġoranza.

It-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti tkompli tibni fuq l-ewwel eċċezzjoni. Ġaladarba l-liġi tippermetti l-bejgħ tal-proprjetà fl-intier tagħha u mhux ta' xi parti mill-proprjetà indiviża, din il-Qorti ma tistax tqies li l-maġġoranza hija sebgħa minn għaxra (7/10) iżda għandha tqis li s-sehem tar-rikorrenti huwa ta' sebgħa minn tnejn u għoxrin (7/22) – is-sehem tagħhom mill-proprjetà fl-intier tagħha.

L-ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 495A jirreferi għal maġġoranza meta jipprovdi li l-Qorti "tawtorizza l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji".

Il-ġurisprudenza wkoll irrikonoxxiet dan l-element. Ingħad li l-kundizzjonijiet imposti mil-liġi li jeħtieġ jiġu sodisfatti huma s-segwenti

"1. Il-komunjoni tal-haga ghal aktar minn tliet snin bejn il-komproprjetarji kollha.
2. In-nuqqas ta' pendenza ta' azzjoni ghal qsim tal-proprjetà in komun.
3. In-nuqqas ta' ftehim dwar il-bejgh ta' proprjetà partikolari bejn il-komproprjetarji kollha.
4. Ir-rieda tal-maggoranza tal-komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li jsir il-bejgh tal-istess proprjetà.
5. In-nuqqas ta' pregudizzju gravi tal-komproprjetarji li qed joggezzjonaw jekk il-bejgh tal-proprjetà ssir bilkundizzjonijiet u pattijiet proposti mill-maggoranza tal-komproprjetarji."[8]

Taħt dan l-element għal darb'oħra l-leġislatur ma pprovdiex għal sitwazzjoni bħal dik hawn trattata; imkien ma jissemma li l-maġġoranza tista' tkun ta' uħud mill-ishma.

Tal-istess ħsieb kienet din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Gordon Grima Baldacchino et vs. Angela magħrufa Gillian Gauci Borda et** (Ċit Nru 1260/2010MC) deċiża fit-30 ta' Ġunju 2011 meta kkunsidrat li

"Din it-talba ghalhekk qed issir minn tlett persuni li bejniethom ghandhom wiehed minn tnax (1/12) tal-proprjeta in kwistjoni biex il-konvenuti li ghandhom wiehed minn tnax (1/12) il-sehem kull wiehed tal-istess proprjeta jigu ordnati jbieghu sehemhom mill-istess skond il-konvenju

[8] **Simon Muscat et vs. Charles Muscat** (Rik Ġur Nru 646/2017) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-2 ta' Mejju 2019.

datat 18 ta' Awwissu 2010 li l-atturi dahlu fih mal-komproprjetarji l-ohra li ghandhom disa' minn tnax (9/12) il-sehem. Dan mhux l-ispirtu tal-ligi. **Din it-talba mhix issir mill-maggoranza tal-komproprjetarji biex isir il-bejgh tal-intier, skop tac-certezza li jrid l-artikolu 495A. Qed issir biss minn komproprjetarji li sallum ghandhom biss wiehed minn tnax (1/12) tal-proprjeta u ma jirrapprezentawx il-maggoranza tal-ishma, kontra komproprjetarji ohra li ma ghandhomx bejniethom il-bqija tal-ishma li jiffurmaw l-intier tal-proprjeta.**[9]

[...]

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuti cioe illi t-talba ghal bejgh kif impostata cioe ta' kwota indiviza biss u mhux il-bejgh tal-proprjeta kollha naxxenti minn talba bejn il-komproprjetarji kollha ghandha tigi milqugha.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi l-azzjoni kif impostata ghal bejgh biss ta' kwota indiviza minn proprjetarju li ghandu biss il-minoranza ta' ishma fl-istess proprjeta hi insostenibbli u qed tigi rigettata."

Fid-dawl tas-suespost, u in vista tal-fatt li r-rikorrenti għandhom biss sebgħa ishma minn tnejn u għoxrin sehem tal-intier tal-proprjeta', il-Qorti qed tiddeċiedi illi anke t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti hija fondata u qed tiġi akkolta.

**c. Mhux il-komproprjetarji kollha huma parteċipi fil-kawża**

Mhux ikkontestat li flimkien mal-kontendenti hemm ukoll Emanuel Borg li għandu l-maġġoranza tal-ishma formanti parti mill-proprjetà in kwistjoni. Fil-fatt ir-rikorrenti stess iddikjaraw fl-ewwel premessa tar-rikors promotur li "il-bqija tal-ishma tal-fond huma appartjenenti lil Emanuel Borg"[10]. Fin-

[9] Enfasi miżjud.
[10] Paġna 2 tal-proċess.

nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrenti jispjegaw iżda li dan m'huwiex parti fil-kawża stante li hija l-istess persuna li ser tkun qiegħda takkwista r-rimanenti ishma fil-proprjetà.

Mill-qari tal-Artikolu 495A jirriżulta li sabiex l-azzjoni tirnexxi jeħtieġ fost oħrajn li fl-azzjoni jkun hemm il-komproprjetarji kollha. Tant huwa l-każ li jekk hemm komproprjetarji li m'humiex magħrufa jew ma jistgħux jinstabu, għalihom għandhom jinħatru kuraturi[11].

Fis-sentenza **Gordon Grima Baldacchino et vs. Angela maghrufa Gillian Gauci Borda et** (Ċit Nru 1260/2010MC) fuq ċitata ġie osservat li

"Il-Qorti tqis li dan l-artikolu [Artikolu 495A (2)] ghandu jiftiehem ghat-talba ta' bejgh ta' proprjeta li ssir bejn il-komproprjetarji kollha, intiza ghal decizjoni wahda tal-Qorti li tkopri l-bejgh ta' proprjeta partikolari fl-intier taghha bejn il-komproprjetarji.

F'dan il-kaz il-komproprjetarji mhux kollha qed jidhru fl-azzjoni u kull ordni tal-Qorti (jew f'dan il-kaz sentenza) ma tistax tolqot lil min mhux partecipi fiha. Ghalhekk ordni tal-Qorti maghmul bejn il-kontendenti biss ma jipprekludix li l-konvenju tat-18 ta' Awwissu 2010 jinbidel jew jigi terminat u xorta l-ordni tal-Qorti bejn il-kontendenti f'kaz li tigi akkolta t-talba attrici, tibqa' torbot, u tkun qed torbot biss minoranza ta' proprjetarji."

Ir-raġuni sabiex isir il-bejgħ tal-proprjetà kollha mill-komproprjetarji kollha hija sabiex ikun hemm ċertezza li l-komproprjetarji jkunu marbuta bl-ordni li tagħti l-Qorti. Fis-sentenza **Teresa sive Tessie Cassar et vs. Marina Carlio et noe[12]**, din il-Qorti diversament preseduta spjegat li

"Il-bazi legali wara din it-talba li tinnecessita l-inkluzjoni tal-proprjetarji kollha hi c-certezza li ordni ta' Qorti tikkreja bejn il-komproprjetarji kollha

[11] Artikolu 495A (3).
[12] Rik Ġur Nru 279/2016 MCH deċiża fil-21 ta' Frar 2017.

fuq proprjeta partikolari dwar il-bejgh taghha bil-kondizzjonijiet espliciti li tahthom din il-proprjeta fl-intier taghha ghandha tinbiegh, liema ordni tkun torbot lil komproprjetarji kollha."

A bażi ta' dak li ingħad fl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet u ċioe li sabiex tirnexxi l-azzjoni taħt l-Artikolu 495A jeħtieġ il-bejgħ tal-proprjetà fl-intier tagħha u jeħtieġ li jkun hemm il-maġġoranza tal-ishma, li f'dan il-każ il-maġġoranza huma f'idejn Emanuel Borg, it-tielet eċċezzjoni timmerita li tintlaqa wkoll peress li smanuel Borg, komproprjetarju mal-kontendenti m'huwiex parteċipi f'din l-azzjoni.

**d. Artikolu 495A mhux ir-rimedju sabiex il-komproprjetarju li għandu l-maġġoranza jakkwista l-ishma l-oħra, kif ukoll li l-azzjoni hija tentattiv sabiex ibiegħu parti indiviża lil ħu l-kontendenti**

Ir-raba' u s-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti huma relatati ma' xulxin u tista' ssir konsiderazzjoni waħda għalihom u dan sabiex jiġi evitat ripetizzjoni minn din il-Qorti.

Mill-konvenju anness mar-rikors promotur jirriżulta li l-prospettiv kompratur huwa Emanuel Borg, li jiġi ħu l-kontendenti u li għandu diġà tnax-il sehem minn tnejn u għoxrin sehem fil-proprjetajiet in kwistjoni.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Anthony magħruf bħala Lino Attard et vs. Jennifer Calleja** (Ċit Nru 1080/2011) deċiża fit-18 ta' Lulju 2017 fejn ġie ritenut li

"l-Artikolu 495A imsemmi jikkontempla biss **bejgh** ta' propjeta` u **mhux xiri** da parti wiehed mill-ko-propjetarji.

[...]

Wiehed jista' jzid jghid li bl-azzjoni kif intentata l-appellant qed jevita li jaghmel talba ghal bejgh b'licitazzjoni tal-propjeta` in kwistjoni meta allura

jkunu jistghu joffru oblaturi estranji u kwindi jakkwista l-propjeta` hu u jcahhad lill-appellata milli potenzjalment iddahhal valur akbar tas-sehem taghha – naturalment hemm ukoll il-possibilta` li dak il-valur ikun inqas.

Madankollu hu evidenti li l-legislatur ried li l-Artikolu 495A japplika meta l-ko-propjetarji jkunu se/iridu jbieghu lil terzi u mhux mezz biex jakkwistaw il-propjeta` kollha huma a skapitu tal-ko propjetarji l-ohra."

Referenza issir ukoll għas-sentenza ġia ċitata fl-ismijiet **Busy Bee Limited vs. Anthony Formosa et** fejn ġie kkunsidrat li

"Il-ħsieb tal-liġi hu li tingħata proċedura relativament sempliċi u ta' malajr biex jintemm stat ta' komunjoni ta' proprjetà li l-liġi ma tiffavorihx, mhux li jingħata mezz kif min għandhu l-akbar sehem jikseb ukoll il-bqija tal-ishma.

Meta l-bejgħ isir lil terzi, il-komproprjetarji kollha – kemm dawk li jridu jbigħ u kemm dawk li ma jridux – għandhom komuni għallinqas l-interess illi, jekk il-ħaġa għandha tinbigħ, għandha tikseb l-aħjar prezz. Dan l-interess komuni jgħin biex ma jmorrux minn taħt dawk li ma jridux ibigħu għax għallinqas ikunu kisbu prezz tajjeb għas-sehem li, kontra qalbhom, ikollhom ibigħu.

Din il-garanzjia, iżda, tispiċċa meta komproprjetarju bl-akbar sehem jinqeda bil-proċedura biex jikseb l-ishma l-oħra, għax, f'dan il-każ, l-interess tiegħu hu li l-prezz ikun l-inqas, mhux l-ogħla, li jista' jinkiseb. F'każ ta' konflitt hekk ċar bejn l-interessi tal-partijiet ma jkunx għaqli li l-bejgħ isir b'din il-proċedura, li tħalli li jsir "il-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu", u jkun iżjed għaqli li l-bejgħ isir bil-proċedura ta' liċitazzjoni li, għalkemm mhux ħaġa mixtieqa daqs bejgħ fis-suq ħieles, għallinqas tagħti garanzija aħjar ta' prezz tajjeb.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi l-kliem tal-art. 495A għandu jiftehem fis-sens naturali tiegħu, i.e. biex isir il-bejgħ tal-proprjetà komuni u mhux biex komproprjetarju jikseb l-ishma tal-komproprjetarji l-oħra, u illi għalhekk it-talba kif magħmula mir-rikorrenti ma tistax tintlaqa".

Din is-sentenza ġiet appellat u l-**Qorti tal-Appell (sede Superjuri)** fis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2011 tikkonferma mill-ġdid dak li qalet l-ewwel Qorti u qalet li

"[...] l-Artikolu 495A jitkellem car, u dan jirrizulta bl-aktar mod skjett mid-dibattiti fuq imsemmija fil-Kumitat Permanenti, li l-legislatur ried li titnehha l-komunjoni tal-proprjeta` billi l-Qorti "tawtorizza l-bejgh skont ma jixtieq l-akbar ghadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu". Fil-kaz in ezami t-talba tas-socjeta` rikorrenti ma hijiex biex isir bejgh pur u semplici izda li hija stess tigi awtorizzata "tixtri" is-sehem tal-komproprjetarji minoritarji "bil-prezz u l-pattijiet murija fuq prospett mehmuz mar-rikors". Dan imur kontra l-ispiritu tal-artikolu in kwistjoni."

Din il-Qorti tagħmel tagħha dan l-insenjament u tikkonkludi li l-Artikolu 495A m'huwiex qiegħed hemm sabiex min għandu l-akbar sehem jakkwista l-kumplament tal-ishma. Hemm rimedji oħra taħt il-liġi li wieħed jista' jirrikorri għalihom sabiex jakkwista dak li jixtieq, iżda ċertament li mhux bis-saħħa tal-Artikolu 495A. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' wkoll ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tal-konvenuti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet bin-numri minn wieħed sa sitta eċċepiti mill-konvenuti u konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi.

Bl-ispejjez kontra  l-atturi.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**